SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 11-16

Illum L-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016.

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.30p.m.

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

Fis-6.10p.m. il-Viċi Sindku talab li jiġi skużat minħabba mpenn ta' natura politika.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 10-16 li saret nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' li saret nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016 ġew moqrija u approvati.

### *1.1 Mill-Minuti*

### *1.1.1 Devoluzzjoni ta' siti għall-proġetti tal-Kunsill*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 3.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet liema huma ż-żewġ proġetti imsemmija f'din il-minuta. Ġie spjegat li dawn kienu, il-proġett tal-Garages Complex fi Vjal Oleandri u l-proġett tal-Club House. Ġie nutat ukoll li dawn kienu tnejn mill-proġetti li kienu ippreżentati lil Kabinett fis-sena 2015.

### *1.1.2 Talba għall-Promozzjoni*

Il-Kunsilliera Galea irreferit għall-minuta 3.11 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet ukoll dwar il-possibilta' li tinħoloq vakanza fil-Kunsill għall-grad ta' assistent prinċipal. Is-Sindku nforma l-Kunsill lis-Segretarju Eżekuttiv talbet linja gwida u ser nistennew il-*feedback* mid-Dipartiment.

### *1.1.3 Proġett ta' Skate Park*

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li waqt il-laqgħa tal-Lokalita' ssemma proġett ta' Skate Park li ser isir fl-Isculpture Garden. Hija qalet li mkien fil-minuti tal-laqgħa ta' Jannar 2016 ma kien hemm deċiżjoni li dan isir fl-Iscultpture Garden. Hija qalet li personalment ma taqbilx li dan l-*iskate park* isir fl-Iscupture Garden għax dan ser ikun wisq viċin ir-residenti. Hija qalet li m'għandha l-ebda oġġezjoni li jsir *skate park*.

l-Viċi Sindku qal li fuq is-sit wieħed jista' jara. Huwa qal li mportanti li jkollna *sketch* dwar x'ser isir. Huwa qal li hemm *issue* tal-Health and Safety u kollox irid isir kif titlob il-liġi. Huwa ppropona wkoll l-*area* ta' wara l-ħwienet bħala sit alternattiv.

Il-Kunsillier Liam Sciberras ppropona lil-Kunsill jistaqsi liż-żgħażagħ involuti f'dan il-proġett biex jipproponu sit alternattiv.

### *1.1.4 Website tal-Kunsill*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-Website tal-Kunsill. Is-Segretarju tal-Kunsill qalet li hi flimkien mal-persuna indikata mill-Kunsill ser ikunu qed jaraw aktar fid-dettal l-offerti li ntefgħu.

### *1.1.5 Siġar tal-Jukka*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta 3.5 tal-laqgħa preċedenti u qal li jekk niftehmu u naqblu dawn jistgħu jinqalgħu. Il-Viċi Sindku qal li hu jaqbel li jiġu *maintained* mhux jinqalgħu.

### *1.1.6 Dental Mobile Unit*

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk id-Dental Screening Service kienx dak tal-Universita'. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-istudenti huma tal-Universita' u l-*van* huwa tad-Dental Public Health Unit.

### *1.1.7 Jogging Track*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx tlesta x-xogħol. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kellu jaqla' ċ-ċint kollu u jerġa jibnieh mill-ġdid.

Il-Kunsillier Liam Sciberras tkellem dwar il-bżonn li tinħarat il-ħamrija ħalli tixrob aktar ilma meta tagħmel ħafna xita.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li bħalissa s-*soft areas* huma kollha *litter*.

### *1.1.8 Mobile Malta Post Sign*

Il-Kunsillier Bonello rrefera għall-minuta 3.7 tal-laqgħa preċedenti u staqsa dwar is-*sign* tal-Malta Post li kellu jsir f'Dawret it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tkellmet ma' l-Area Manager tal-Maltapost li minn naħa tagħha nfurmat lil Kunsill lill-Mobile Malta Post aħjar tibqa fil-*parking area* ta' Dawret it-Torri minħabba d-dell.

### *1.1.9 Gal Xlokk*

Il-Kunsillier Bonello staqsa kienx hemm aktar żviluppi dwar is-sħubija tal-Kunsill bħala membru tal-Gal Xlokk. Is-Sindku nfurmat li ser tiġi organizzata laqgħa nformattiva fil-ġranet li ġejjin.

### *1.1.10 Gate fil-5-a-side Playing Field*

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar il-grada li kellha ssir fil-Playing Field *area*. Is-Sindku qal li bħalissa qed niġbru l-kwotazzjonijiet.

### *1.1.1 Ċint fi Triq Klematis*

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar ċint li kellu jsir fi Triq Klematis. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tal-IPSL.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2016 u l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- *0143-16-O* – Reġjun Nofsinhar talba għal *reimbursement – Claims*

- *180-16-O* - Departiment għall-gvern Lokali – Formola ta' Applikazzjoni - *Lifelong Learning 2016-2017*

- 0185-16-O – Regjun Nofsinhar – Skeda għal servizz *ta' Green Wardens*

- *0192-16-O – United Nations Global Compact – Communication on Engagement*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 145-16-I – Green Pak – *Broken Dome*
- 0157-16-I – China Cultural Centre in Malta – Chinese New Year 2016
- 0174-16-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Resurfacing* ta' toroq mill-Kunsilli Lokali

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- ***Public Contracts Review Board – Board Decision re: Case No. 897 – Tender for Street Sweeping and Cleansing Services in an Environmentally Friendly Manner***

- **SLLC Memo 03-2016 - Sejħa għall-Kwotazzjonijiet ref:Q(57-16-01) Servizz Temporarju ta' Knis**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 145-16-I il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra biex tinforma lil Greenpak lid-*Dome* inkisret għax damet ma tbattlet u in-nies baqgħu jippressaw fiha biex jarmu l-iskart. Għandu jintalab li ssir laqgħa mal-Greenpak dwar x’inizjattivi jistgħu jittieħdu biex jitjieb is-servizz ta’ skart riċiklabbli.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 157-16-I is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra ta’ ringrazzjament miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż tas-support li ta l-Kunsill biex setgħet tittella’ attivita’ fi Ġnien is-Serenita’ fl-okkażjoni taċ-*Chinese New Year* li saret is-Sibt, 30 ta’ Jannar 2016.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0174-16-I, il-Kunsill iddiskuta *e-mail* li nbatgħet mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar *resurfacing* ta’ toroq li jaqaw taħt ir-responsabilta’ tal-Kunsill fejn il-Kunsill intalab jissottometti lista tat-toroq li qed jippjana li jagħmel għat-tlett snin li ġejjn. Il-Kunsill intalab jgħid ukoll kemm għandu flus ivvutati għalihom. Biex il-Kunsill ikun f’pożizjoni aħjar biex jiddeċiedi, is-Segretarju Eżekuttiv ippresentat informazzjoni dwar il-*commitments* li għandu l-Kunsill fir-rigward tal-iskema tal-PPP li jwasslu sas-sena 2023. Il-Kunsill qabel li jinkludi Triq il-Ġiżimin, parti minn Triq Pensjeri, Dawret it-Torri fid-dħul minn Triq tal-Barrani fejn il-ġirna u Triq il-Lellux.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Ftehim bejn id-Dipartiment tal-Kura Primarja u l-Kunsill ta’ Santa Luċija dwar il-Berġa*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-ftehim propost bejn id-Dipartiment tal-Kura Primarja u l-Kunsill Lokali ta’ Santa Luċija dwar id-devoluzzjoni tal-Berġa f’Santa Luċija. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet tax-xogħolijiet involuti fl-*upgrading* tal-Berġa biex tkun stabbilita eżatt l-ispiża nvoluta. Huwa qal li dawn l-ispejjeż ser jitħallsu kollha mid-Dipartiment tal-Kura Primarja u dan huwa rifless iswed fuq l-abjad fid-dokument finali ta’ dan il-ftehim li ġie ppreżentat waqt din il-laqgħa. Is-Sindku kompla jgħid li m’hemmx kera fuq dan il-post. Huwa qal li wara li ser ikunu qed jintefqu dawn il-flus kollha fuq l-upgrading tal-Berġa, ma jistax ikun li din tibqa’ tintuża għal ftit siegħat fil-ġimgħa. Huwa kompla jgħid lil-Kunsill irid jara li juża l-potenzjal kollu li toffri din il-Berġa b’aktar servizzi indirizzati lejn ir-residenti. Huwa ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li jagħmel Bye-Laws biex din il-Berġa tkun tista tintuża anki minn tobba privati li jagħtu servizz lir-residenti.

Il-Kunsill approva l-ftehim – *Memorandum of Understanding* – bejn id-Dipartiment għal Kura Primarja u l-Kunsill ta' Santa Luċija dwar il-Berġa.

**4.2** ***Public Contracts Review Board – Board Decision re: Case No. 897 – Tender for Street Sweeping and Cleansing Services in an Environmentally Friendly Manner***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat quddiem il-Kunsill id-deċiżjoni tal-PCRB fuq il-Kuntratt hawn fuq imsemmi. Ġie nutat li fid-deċiżjoni tiegħu l-PCRB irrakomanda li l-appellant jingħata lura l-ħlas ta' €400.00 li ħallas biex jagħmel l-appell fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ħalla din id-deċiżjoni għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

***4.3 Wedding Portal – Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill laqgħa proposta biex Ġnien is-Serenita' jkun inkluż fil-Wedding Directory tal-Wedding Portal in Malta għal 52 gimgħa għas-somma ta' €230.00 Vat inkluż.

***4.4 United Nations Global Compact***

Il-Kunsill irriaffirma s-support tiegħu lil United Nations Global Compact fil-missjoni tagħha għad-drittijiet tal-bniedem, xogħol, ambjent u anti-korruzzjoni.

***4.5 Aktar siġar fil-Picnic Area***

Is-Sindku tkellem dwar proposta tal-Park Directorate biex jinżraw aktar siġar fil-Picnic Area. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jinżraw aktar siġar mal-ħitan tal-Picnic Area biex jiġi ffurmat *barrier* mad-dawra tal-post.

***4.6 Flood Lights mal-Bini tal-Knisja San Piju X***

Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-Kunsill dwar żewġ kwotazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-*flood lights* li hemm mal-bini tal-Knisja. Il-Kunsill talab li jkun iċċarat jekk dawn humiex imqabbda mal-*istreet lighting*.

***4.7 5-a-side Football Pitch***

Il-Viċi Sindku staqsa jekk nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Frar 2016 kienx hemm *booking* għal użu tal-*5-a-side* sal-11.00p.m. Huwa qal li wasallu lment dwar storbju li kien hemm sa dak il-ħinijiet. Is-Sindku qal li dak inhar kien hemm hu maż-żgħżagħ li qed jipparteċipaw fil-Proġett tar-Right to Smile fuq inizjattiva taċ-Ċentru Leap.

Huwa qal li hu kien baqa' magħhom sal-9.45p.m.  Is-Sindku qal ukoll li meta l-*ground* kien għadu siment ħadd ma kien jilmenta.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5951sa numru BOV 5985 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-20 ta' Jannar 2016 u s-27 ta', Jannar 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru10-16(29-01-2016)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Jannar 2016 Ammont *Gross* €6354.74

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG57 | Servizz – Jannar 2016 | 2061.50 |
| KOPTASIN | Sgns & Mkgs | Bill 21675 | 102.41 |
| Joseph and Spirdione Zammit | (RC)57-14-01 | Servizz – Jannar 2016 | 1983.72 |
| Nexos Str.Light | (SL)57-09-04 | Inv. 2010753 | 2272.65 |

**5.4** Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €100.81 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Frar 2016, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6 RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Dicembru 2015**.** Dan ir-rapport ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Josianne Debono f'isem D Consulta. Is-Sinjura Debono li kienet ukoll preżenti għal din il-laqgħa tgħat spjegazzjoni tar-rapport f'dak li hu dħul u ħruġ finanzjarju għal perjodu hawn fuq imsemmi u nfurmat lil-Kunsill li kien għalaq is-sena b'*surplus* ta' €7,000.00. Hija spjegat li din is-sena Triq il-Ġnien ġiet ikkapitalizzata u kien hemm żieda sostanzjali fid-*depreciation* li affettwat is-*surplus*. Hija spjegat ukoll kif il-*grant* li jirċievi l-Kunsill fuq l-iskema tal-PPP jittieħed biċċa biċċa u jiġi *released* matul is-snin.

Ġie nutat li l-ispejjeż relatati ma' amministrazzjoni naqsu filwaqt li l-ispejjeż fuq servizzi kommunitarji żdiedu sostanzjalment. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tibgħat rapport mis-sistema tas-Sage li juri *breakdown* ta' kif kienu l-ispejjeż relatati ma' servizzi kommunitarji għal perjodu hawn fuq imsemmi.

Il-Kunsill approva l-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 2015.

## 7. BUDGET 2016

Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-Budget 2016 u qabel li din is-sena jiffoka l-fondi disponibbli fuq xogħol ta' manutenzjoni ta' *gutters*, *major patching* u *upgrading* ta' bankini. Il-Kunsill approva wkoll spiża ta' madwar €1,000.00 biex jinxtara apparat biex ikun jistgħa jsir *back-up* tal-*computers* tal-Kunsill b'mod regolari.

Saret referenza għall-*bank loan* li għandu l-Kunsil fuq ix-xiri tal-*premises* tal-uffiċċju amministrattiv. Il-Kunsill qabel li din is-sena jnaqqas dan il-*loan* bis-somma ta' €5,000.00.

## 8. LAQGĦA TAL-LOKALITA' 2016

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2016.

### *8.1 Katusa fi Triq iċ-Ċikwejra*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-kummenti li saru dwar il-katusa li saret fil-Car Park fi Triq iċ-Ċikwejra u qal li din solviet il-problema tal-ilma tax-xita li kien jinġabar f'dan il-Car Park.

### *8.2 Traffic Light Junction fi Triq Luqa*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għat-Traffic Light Junction ta' Triq Luqa u qalet li l-Kunsill ma jridx jinsa x'intqal fil-laqgħa tal-lokalita' biex qabel jibda x-xogħol ninfurmaw lir-residenti b'dak li ser isir.

### *8.3 Ħin u ġurnata tal-laqgħa*

Saret xi kummenti dwar il-ġurnata u l-ħin li fih saret il-laqgħa. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir fil-ġurnata tas-Sibt u filgħodu. Is-Sindku qal li l-istil tal-laqgħa tal-Lokalita' li jmiss ser ikun differenti. Huwa qal li minflok joqgħod jaqra r-

Rapport Amministrattiv u l-Pjan ta’ Ħidma, huwa ser ikun qed jispjega kollox fuq is-*slide show* li jittella f’kull laqgħa tal-Lokalita’.

## 9 CCTV SYSTEM FIL-PLAYING FIELD AREA

Is-Sindku rrefera għall-fondi lir-Regjun Nofsinhar alloka għal Kunsill Lokali biex dawn jixtru CCTV *Cameras*. Huwa qal li għal din l-inizjattiva kien hemm żewġ *option.* Huwa ppropona li l-Kunsill juża l-Option tal-4 *stand alone cameras* f’lokazzjonijiet separati. Il-Kunsill ikun responsabbli mill-*monitoring* u mis-*supply* kif ukoll mill-*internet* ta’ kull *camera*. Il-Kunsill ikun responsabbli mill-ispiża ta’ l-arbli. Huwa ppropona li dawn l-erba’ *cameras* jistgħu jeħlu kollha fil-*playing field area* fejn ‘il-quddiem ser issir *Wifi Access Point* u l-ispiża tal-*cables* tkun orħos.

## 10 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 21 ta’ Marzu 2016 fl-4.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ..................… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**